## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 745/2021**

***SMART TECHNOLOGIES LIMITED***

***VS.***

***THINK CATERING LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-tliet talbiet imressqa minn Smart Technologies Limited Limited kontra Think Catering Limited;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fid-**<u>29 ta' Lulju, 2021</u>**, il-kumpannija rikorrenti fissret li hija fadlilha tieħu s-somma ta' €19,381.46 mingħand il-kumpannija konvenuta, dovuta minħabba radd ta' servizzi tekniċi marbuta mal-għoti ta' liċenzji ta' softwer, tiġdid u għajnuna teknika;

3. Billi skont il-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €19,381.46 hija ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti, l-imsemmija kumpannija

konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra dawn it-talbiet għall-ħlas, hija talbet lil din il-qorti li:

> «*i. Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *ii. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Think Catering Limited debitriċi tas-soċjetà attriċi Smart Technologies Limited fl-ammont ta' dsatax-il elf, tlett* [*recte* tliet] *mija u wieħed u tmenin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€19,381.46);*
>
> *iii. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' dsatax-il elf, tlett* [*recte* tliet] *mija u wieħed u tmenin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€19,381.46);*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 63/2021, u bl-imgħax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta li rappreżentanti tagħha huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*»

4. B'digriet kamerali mogħti fit-**<u>3 ta' Awwissu, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lill-kumpannija konvenuta u din ġiet mogħtija l-jedd li jekk trid tressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha tattakka l-proċedimenti magħmula mill-kumpannija rikorrenti, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet il-qorti poġġiet il-kawża għas-smigħ għas-16 ta' Settembru, 2021 u wissiet lill-kumpannija konvenuta li jekk hija ma tidhirx għal dan is-smigħ, il-qorti sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Is-seduti tas-16 ta' Settembru, 2021, tat-22 ta' Ottubru, 2021 u tas-6 ta' Diċembru, 2021 ġew differiti minħabba li l-kumpannija konvenuta kienet għadha ma ġietx notifika bir-rikors maħluf;

6. Eventwalment il-kumpannija konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skont l-**artikolu 187(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u din għażlet li ma tressaq l-ebda nota skont l-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex tikkontesta s-siwi ta' dawn il-proċeduri;

7. Is-seduta tas-7 ta’ Jannar, 2022 ġiet differita għas-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2022 skont il-*proviso* tal-**artikolu 169 tal-Liġijiet ta’ Malta** minħabba li minn meta l-kumpannija konvenuta ġiet notifikata bir-rikors maħluf sad-data tal-ewwel smigħ ma kinux laħqu għaddew ħmistax-il jum biex il-kumpannija konvenuta tħejji d-difiża tagħha;

8. Għas-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2022, l-imsemmija kumpannija konvenuta għażlet li ma tidhirx biex tgħarraf lill-qorti jekk hija għandhiex xi eċċezzjonijiet validi xi tressaq biex tikkontesta t-talba għall-ħlas imressqa mill-kumpannija rikorrenti;

***Fatti***

9. Joseph Aquilina, bħala rappreżentant tal-kumpannija Smart Technologies Limited Limited stqarr fir-rikors maħluf, li l-kumpannija rikorrenti tipprovdi servizzi marbuta mat-teknoloġija informatika. Huwa jgħid li l-kumpannija konvenuta fittxet is-servizzi tal-kumpannija rikorrenti, kif jidher mill-fatturi u r-rendikont li ġew mehmuża mar-rikors maħluf minn paġni 6 sa 26 tal-atti;

10. Skont dawn il-fatturi jidher li bejn Lulju 2016 u Marzu 2020, il-kumpannija rikorrenti ġiet imqabbda mill-kumpannija konvenuta biex tipprovdi għadd ta’ servizzi. Mir-rendikont li jinsab f’paġna 26 tal-atti, jidher li baqa’ bilanċ ta’ €19,381.46;

11. Fid-19 ta’ April, 2021, il-kumpannija rikorrenti bagħtet ittra uffiċjali lill-kumpannija konvenuta sabiex jiġi mwettaq dan il-ħlas, iżda dan il-ħlas baqa’ ma sarx (ara paġni 27 sa 28 tal-atti);

***Konsiderazzjonijiet***

12. Il-proċeduri sommarji (aktar magħrufa bħala l-proċeduri bil-giljottina), imsemmijin fl-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huma minnhom infushom ta' natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kollha fil-kawża. Kemm hu hekk, fil-proċeduri bil-giljottina l-attur jitlob lill-qorti sabiex hija tgħaddi għas-sentenza tagħha fuq dak li jiġi mressaq lilha mill-istess attur u dan mingħajr il-possibilità ta' kontroll min-naħa tal-parti mħarrka;

13. Għalhekk kif ingħad f'***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005, «*F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun mgħobbija b'responsabbilità akbar billi, mingħajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa' t-talba kif proposta*»;

14. Il-liġi tagħti żewġ rimedji lill-imħarrek biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji: (i) billi jqajjem permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru jew fl-udjenza, li l-proċedura bil-giljottina mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*»; jew (ii) billi jġib prova *prima facie* li hu għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu (ara ***Carmel Cortis v. Paul Fenech***, Appell Superjuri tal-11 ta' Mejju, 2015);

15. Il-konvenut huwa ħieles li jinqeda b'dawn iż-żewġ rimedji flimkien biex il-proċeduri ma jibqgħux bil-giljottina u jimxu skont il-proċedura ordinarja;

16. Jekk issir nota li l-proċedura mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*» u din tiġi milqugħa mill-qorti, allura ma hemmx għalfejn li dik il-qorti tidħol fil-kwistjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu, għax f'dak il-każ il-Qorti għandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif provdut fl-**artikolu 170(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter*

*alia* ***Wings Couriers Ltd v. L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2014);

17. Fil-każ tagħna, skont riferta misjuba f'paġna 39 tal-atti, il-kumpannija konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura tal-affissjoni fl-uffiċċju reġistrat tagħha, fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, fil-jum tad-19 ta' Novembru, 2021. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret ukoll fit-3 ta' Jannar, 2022 (ara paġni 40 u 41 tal-atti), filwaqt li l-pubblikazzjoni fil-gazzetti lokali, *The Malta Independent* u *In-Nazzjon* saret nhar il-Ħamis, 6 ta' Jannar, 2022 (ara paġni 45 u 45A tal-atti);

18. Minn meta twettqet in-notifika bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni skont l-**artikolu 187(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-kumpannija konvenuta la ressaq nota biex tattakka r-regolarità tal-proċedura li trid tuża' l-kumpannija rikorrenti biex tinqata' din il-kawża; wisq anqas ma dehret fis-smigħ tal-24 ta' Jannar, 2022 biex tipprova tikkonvinċi lill-qorti illi hija għandha difiża tajba biex ixxejjen it-talbiet rikorrenti;

19. F'ċirkostanzi bħal dawn, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-kumpannija konvenuta, din il-qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tissokta billi timxi billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija rikorrenti, hekk kif jgħid u jrid l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

20. Dwar l-imgħax mitlub mill-kumpannija rikorrenti, il-qorti tqis li l-kreditu mitlub minnha ġej minn operazzjoni kummerċjali li seħħ bejn is-snin 2016 u 2020;

21. Darba għalhekk li din l-operazzjoni kummerċjali nżammet bejn intrapriżi wara l-1 ta' Lulju, 2005, allura l-imgħax li jrid jitħallas mhuwiex soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 1139** sa **1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 26A** sa **26J tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif dawn ġew emendati bl-**Avviżi Legali tal-2012** u **tal-2014** (ara f'dan is-sens ***Blye Engineering Co. Ltd v. Allegro Andante Limited*** deċiża

mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010 u ***Godwin Gatt v. Joseph Camilleri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2021). Jekk wieħed iħares lejn it-tifsira ta' intrapriża, kif miġjuba fl-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, wieħed isib li hemm magħdud magħha, kull organizzazzjoni li twettaq attività ekonomika;

22. Barra minn hekk, skont il-fatturi li ġew mehmuża mar-rikors maħluf hemm imniżżel iswed fuq l-abjad li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu li mgħax fuq ħlas tardiv għandu jgħaddi skont l-**Avviż Legali 272 tal-2012**, li jirreferi għall-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**;

23. Skont il-**Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**, l-interess legali li jrid jitħallas bejn intrapriżi għandu jkun imgħax sempliċi bbażat fuq rata li tkun ugwali għas-somma tar-rata ta' referenza u għallinqas tmienja fil-mija (8%) (ara **artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fil-preżent, ir-rata ta' referenza maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew hija ta' 0,00 %. Jiġi b'hekk, li r-rata tal-imgħax applikabbli f'dan il-każ għandha tkun ta' 8% fis-sena;

24. Illi kreditur jista' jipproċedi bit-talba ta' imgħax għall-ħlas tardiv kontra d-debitur mingħajr ma jfakkar lid-debitur li l-ammont hu dovut (ara **artikolu 26Ċ(2) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**) u l-kreditur ikollu d-dritt għall-imgħax minħabba ħlas tardiv mill-ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt (ara **artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

25. Minkejja kull liġi oħra, il-perijodu għall-ħlas iffissat f'kuntratt ma jistax jaqbeż sittin ġurnata kalendarja, iżda l-partijiet jistgħu speċifikatament jiftiehmu dwar perijodu itwal, sakemm din l-estensjoni taż-żmien ma tkunx manifestament inġusta għall-kreditur (ara **artikolu 26Ċ(4) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

26. Fil-każ tagħna, il-qorti m'għandhiex tagħrif mill-atti tal-kawża jekk bejn il-partijiet kien hemm miftiehem xi terminu ta' żmien għall-ħlas tas-servizz. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova dwar id-data jew it-terminu għall-ħlas, il-qorti tqis li l-imgħax

għandu jinħadem skont id-dispiżizzjonijiet tal-*proviso* tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta’ Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tilqa’** l-ewwel talba tal-kumpannija rikorrenti biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**; u

ii. **Tilqa’** t-tieni u t-tielet talba tal-kumpannija rikorrenti u b’hekk tiddikjara u tikkundanna lil Think Catering Limited sabiex tħallas lil Smart Technologies Limited, is-somma ta’ €19,381.46, b’imgħax sempliċi bit-8% fis-sena, li jibda għaddej skont id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta’ Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

**Tordna** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma’ dawn il-proċeduri, magħduda magħhom dawk li jolqtu l-ittra uffiċjali 63/2021, għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-kumpannija konvenuta Think Catering Limited.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**